**27 ta' Ottubru, 1962**

**Imhallef :—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Charles Bruno Fraser

**Mużika tas-Sfin — "String Instruments" — Pjanu — Tnabar.**

*Il-pjanu, attraverso l-evoluzzjoni tiegħu gradwali mis-seklu għaxra l-hawn dejjem kien strument "a corda"; u hu sewwa illi, meta jingħata mill-Pulizija permess biex il-persuna liċenzjata żżomm fil-ħanut tagħha orkestra bi strumenti "a corda", jiġi nklus, b'doża ta' ġenerożità, anki l-pjanu. Imma*

***t-tnabar żgur mhumiex strumenti "a corda", u d-daqq tagħhom f'orkestra liċenzjata għal 'string instruments" biss jammonta għal vjolazzjoni tal-kondizzjonijiet tal-liċenza.***

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli fl-ewwel ta' Awissu 1962, fil-kwarta ta' bil-lejl ċirka, u fil-5 ta' Awissu 1962, bħala titolari tal-liċenza biex iżomm id-daqq ta' strumenti tal-korda fil-ħanut tax-xorb spiritus "Aces Club Bar", il-Gżira. kiser il-kondizzjonijiet li għandu fil-liċenza billi żamm id-daqq ta' tnabar u ta' pjanu, u b'hekk ġie daqs kieku żamm dan id-daqq bla liċenza tal-*Kummissarju* tal-Pulizija; u. barra minn hekk, kiser il-mistrieħ tan-nies;

Rat is-sentenza pronunzjata minn dik il-Qorti fiż-17 ta' Settembru 1962, li biha l-imputat ġie misjub ħati u kundannat għall-ammenda ta' 10s., stante li l-każ ġie minn dik il-Qorti meqjus bħala ħafif;

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat, li bih dan appella lil *din* il-Qorti u talab li dik is-sentenza tiġi revokata, u li hu jiġi liberat mill-imputazzjoni;

Trat l-appell;

Ikkunsidrat;

Skond it-termini tal-liċenza (fol. 2), "string instruments" biss setgħu jiġu wżati għad-daqq. Fiċ-ċitazzjoni *jingħad* li ndaqqu anki tnabar u pjanu;

*Iżda fit-trattazzjoni* quddiem din il-Qorti l-Prosekuzzjoni ddikjarat li, anki jekk indaqq il-pjanu, il-Pulizija ma kienetx *bi* ħsiebha tikkunsidra dik iċ-ċirkustanza bħala vjolazzjoni tal-liċenza għaliex soltu pjanu jiġi nklus fil-gamma ta' strumenti "a *corda*". Verament il-pjanu, anki attraverso l-evoluzzjoni tiegħu gradwali mis-seklu għaxra l-hawn. mill-"organum" għall-"organistrum", mill-"monochord" għall-"clavichordium" u l-"clavicembalo" (imsejjaħ "cembalo" fl-operi tal-Boccaccio, u "sautrie" f'dawk ta' *Chaucer*). *mill-"virginal"* fl-operi ta' Shakespeare għal li-"spinet" (imsejjaħ "spinetta" fil-mużew ta' Firenze), sakemm fil-bidu tas-seklu tmientax, b'inizjattiva tal-Prinċep

Ferdinando dei Medici, ġie nventat minn Bartolomeo Cristofori l-pjanu, kif jidher mill-pubblikazzjonijiet tal-Marchese Scipione Maffei, kien dejjem, mhux biss "stringed", imma anki "keyed", u hija l-manipolazzjoni tal-"key board" li tipproduċi l-kontatt mal-kordi. Iżda l-Qorti taħseb li l-atteġġjament tal-Prosekuzzjoni u tal-Pulizija hu ġust u ekwu, għaliex fil-każ, meta jingħata l-permess biex wieħed iżomm orkestra ta' strumenti "a corda", hu sewwa li jiġi, b'doża ta' ġenerożità, inklus il-pjanu, peress li hu dan li, bl-akkompanjament u l-"chiave di basso", jikkompleta l-armonija. Għalhekk il-Qorti mhix sejra tqies dik iċ-ċirkustanza dedotta fiċ-ċitazzjoni;

Jibqa' d-daqq tat-tnabar, li għalihom l-imputat ma għandux permess. Il-Qorti hi soddisfatta, mix-xhieda ta' Gatt u Gasan, li kien hemm daqq ta' tnabar sija jekk dan sar bil-perkussjoni normali, kif aktarx semagħha Gatt, sija jekk sar bil-perkussjoni tal-hekk imsejħa "brushes", kif semagħha Gasan; għax it-tnabar mhumiex żgur inklużi fil-kategorija ta' strumenti "a corda". Del resto, l-ispeċi ta' kaxxa li wera l-imputat lill-Qorti fl-udjenza tippresta ruħha, speċjalment minn waħda minn naħiet tagħha, li ma kienetx dik li l-imputat wera lill-Qorti, għall-perkussjoni normali, għax hi speċi ta' metallika, u ma tipprestax ruħha biss (kif donnu ppretenda l-imputat) għall-ħoss (li t-taljani jsejħu "fruscio") prodott bl-isfjorament mal-karta li tavvolġi l-istess kaxxa, tal-"brushes" fuq imsemmija. Għalhekk ma hux affattu esklus, anki b'dik il-kaxxa stess, l-istorbju tad-"drums" li semma ("ipsis verbis") ix-xhud Gatt;

Il-Qorti tirritjeni dawn iż-żewġ xhieda kredibbli; u xejn ma jiswa, biex jinfiċjalhom din il-kredibbilità, il-fatt li ġirien oħra iffirmaw għall-permess mitlub mill-imputat, mentri huma ma riedux jaderixxu, għaliex din il-Qorti ma taqbelx affattu li hi ħaġa ħafifa li tabilfors wieħed jisma' kulljum mill-fond ta' taħtu mużika mis-sitta ta' filgħaxija sa nofs il-lejl. Għalhekk, almenu, għandhom jiġu osservati "ad unguem" it-termini tal-liċenza, sabiex il-molestja riżultanti tkun ridotta għat-termini minimi, u mhux aggravata. Partikolarment, meta wieħed jikkunsidra illi d-"dance music" moderna allontanat ruħha ħafna mill-"musica di ballo", pjuttost ġentili u armonjuża, magħrufa lill-ġenerazzjonijiet anzjani, u saret, minflok, aktarx dissonanti u kjassuża;

Fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, din il-Qorti tiddeċidi billi tikkonferma s-sentenza appellata, u per konsegwenza tirrespingi l-appell tal-imputat.